MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 51/2010

**Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju specjali ta' Joseph Pavia (ID numru 0123445M)**

**vs**

**L-Avukat Generali tar-Repubblika ta' Malta u ghal kull interess li jista' jkollha s-socjeta' GO p.l.c (C22334) gja Korporazzjoni Telemalta gja Maltacom p.l.c u b'digriet tal-11 t'Ottubru, 2010 gie kjamat fil-kawza r-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali guramentat tal-Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju specjali ta' Joseph Pavia fejn gie premess:-

1. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Onotabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-tnejn (2) ta' Ottubru 1998 (Avviz numru 2659/97 JAB), fl-ismijiet "Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-16 ta' Frar 1998 is-socjeta' kummercjali Maltacom p.l.c. assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia," sussegwentement reza esegwibbli b'digriet tat-tletin (30) ta' Lulju 2007, Joseph Pavia gie ikkundannat ihallas lis-socjeta' maltacom p.l.c qabel Korporazzjoni Telemalta illum GO p.l.c l-ammont ta' erba' mja tnejn u disghin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm492.18) ekwivalenti ghal elf mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€1,146.47) oltre l-imghax u l-ispejjes, (vide Dok. 'JP1' u JP2').

2. Illi minkejja li mill-process tirrizulta riferta pozittiva fir-rigward ta' Joseph Pavia li allegatament gie notifikat personalment gewwa l-fond 'Miyro', Triq Andrea Debono Naxxar, kopja tar-riferta hawn annessa u mmarkata Dok 'JP3', il-firma fuq ir-riferta relattiva m'hijiex dik ta' Joseph Pavia jew ta' xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 187 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta (vide anness Dok 'KP3').

3. Illi fil-fatt ir-rikorrent Joseph Pavia ilu residenti barra minn Malta ghal diversi snin u sar jaf bis-sentenza fuq indikata wara li huwa gie nfurmat mill-bank HSBC Bank Malta plc illi l-kontijiet tieghu kienu gew imblokkati peress li kien inhareg kontrih mandat ta' sekwestru bin-numru 3223/2008 fl-ismijiet Korporazzjoni Telemalta issa bl-isem Go plc vs Joseph Pavia (kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok 'JP4').

4. Illi inoltre gie pprezentat ukoll mandat ta' qbid bin-numru 3225/2008 fl-istess ismijiet (kopja legali hawn annessa u mmarakta Dok 'JP5').

Illi ghalhekk is-sentenza fuq imsemija inghatat bi ksur tad-drittijiet fondamentali ta' Joseph Pavia ghal smiegh xieraq kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta u dan peress illi Joseph Pavia ma giex debitament notifikat kif trid il-ligi.

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

6. Illi l-fatti kollha fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza tar-rikorrent nomine.

Ghalhekk ir-rikorrent nomine qed jitlob, prevja kull dikjarazzjoni ohra permessa mill-ligi, li (1) jigi dikjarat li r-rikorrenti ma kellux smiegh xieraq fil-kawza fl-ismijiet Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-16 ta' Frar 1998 is-socjeta kummercjali Maltacom p.l.c assumiet l-atti minflok il-Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia minhabba vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-ligijiet ta' Malta u li l-istess sentenza tigi dikjarata li hi nulla u bla effett fil-ligi. Ir-rikorrenti qed jitlob ukoll li jinghata r-rimedji kollha opportuni u mehtiega fil-kaz.

Rat ir-risposta tas-socjeta' kummercjali GO p.l.c fejn gie sottomess:-

Illi l-imsemmija sentenza tat-2 ta' Ottubru 1998 hi ekwa u giusta u timerita illi tigi kkonfermata minn din il-Qorti, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Illi s-socjeta' GO pl.c. dak iz-zmien bl-isem Maltacom p.l.c. imxiet mal-procedura civili dwar in-notifika skond il-ligi u fil-fatt is-sentenza taghmilha cara li "billi ghalkemm notifikat regolarment." Barra minhekk din is-sentenza giet kkonfermata peremzz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-30 ta' Lulju, 2007 kif jidher mid-dokumenti annessi mar-rikors tar-rikorrenti stess Dok JP2, fejn jidher fic-car illi l-procedura tan-notifika hekk kif ikkontemplata mill-Kodici tal-Procedura Civili.

Ghalhekk is-socjeta' intimate GO p.l.c qed titlob li tigi kkonfermata l-imsemmija sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament, in kwantu din hija kwistjoni ta' notifika t'att gudizzjarju, ghandu jkun kjamat fil-kawza ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali.

2. Illi wkoll ghandhom ikunu annessi l-atti tal-proceduri in kwistjoni biex hekk din il-Qorti tkun tista' tezamina ezatt x'gara rigward notifiki.

3. Illi jidher car li r-rikorrent ma weriex interess bizzejejd fil-proceduri mibdija kontrih. Ghax anke jekk ghall-grazzja tal-argument hu sar jaf bil-proceduri fi stadju tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, xorta hemm seta' beda proceduri biex jattakka d-diversi mandati prezentati kontrih, liema haga ma tidhirx li saret. Dan apparti procedura t'appell u ritrattazzjoni. Allura r-rikorrent ma jistax jilmenta mll-ksur tad-dritt ghas-smiegh xieraq minhabba nuqqas tieghu stess. Certament dan hu kaz fejn hemm rimedji ordinarji li setghu kienu utilizzati u ghalhekk din il-Qorti ghandha tastjeni milli tisma dan il-kaz ai termini tal-artiklu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fil-mertu trid tingieb il-prova mehtiega dwar dan l-alelgat zball fin-notifika dwar min kien ighix fl-istess dar fil-perjodi in kwistjoni u dwar l-imgieba tar-rikorrenti fil-perjodu waqt u wara l-kawza, u waqt u wara l-procedura ta' mandat ta' sekwestru u qbid. Ma jsitax ikun prezunt li kien hemm zball jew xi nuqqas iehor qabel dan ikun ippruvat, kif jittentaw jaghmlu r-rikorrenti fir-rikors promotur. Barra minn dan irid ikun ezaminat jekk ir-rikors ipprezentat fl-2007 biex tkun reza ezegwibbli s-sentenza tal-1998 fil-proceduri in kwistjoni kienx norifikat jew le. Irid ikun ukoll ezaminati n-notifiki relattivi fiz-zewg indirizzi li jidhru fl-atti li kopja taghhom kienet esebita, u cioe' l-indirizz 'Miyro' Triq Andrea Debono n-Naxxar u l-indirizz 'Papillon' Triq il-Kappucini Zabbar.

5. Illi fi kwalunkwe kaz m'hemm ebda ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq fil-proceduri li taw lok ghal dan l-ilment. L-esponent pero' jirrizerva d-dritt li jressaq risposta ulterjuri u dettaljata meta r-rikorrent igib prova tal-agir tieghu f'din il-kawza kif inghad iktar 'il fuq.

Rat l-affidavits tar-rikorrent Joseph Pavia u ta’ martu Antonia Pavia.

Semghat lix-xhud Carmen Scerri Lautier prodotta mir-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-kjamat fil-kawza d-Direttur Qrati Civili u Tribunali fejn gie eccepit:-

1. Illi l-azzjoni odjerna hija wahda ntempestiva, peress li r-rikorrent m’ezawriex ir-rimedji kollha ordinarji a dispozizzjoni tieghu.

2. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox indondati fil-fatt u fid-dritt stante li assolutament ma hemm ebda ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq kif qed jilmenta r-rikorrent.
3. Illi ghal dak li jirrigwarda eccezzjonijiet ulterjuri, r-rikorrenti jaghmel referenza ghall-eccezzjonijiet mressqa mill-Avukat Generali u ghall-ekonomija tal-gudizzju jaghmel tieghu l-istess eccezzjonijiet.

Ghalhekk il-kjamat in kawza qed jitlob li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda in toto, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat it-tieni affidavit tar-rikorrenti Joseph Pavia.

Rat l-atti tal-kawza li wasslet ghas-sentenza in kwestjoni tal-Qorti tal-Magistrati, liema atti gew annessi in virtu’ tal-ordni ta’ din il-Qorti tat-23 ta’ Frar 2012

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari tal-kjamat in kawza Direttur Qrati Civili u Tribunali u tal-intimat Avukat Generali. .

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti nomine dwar l-imsemmija eccezzjoni.u cioe’ li r-rikorrent ma esawriex ir-rimedji ordinarji kollha li kienu a disposizzjoni tieghu qabel ma ntavola dawn il-proceduri..

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet responsiva tal-kjamat fil-kawza dejjem dwar l-eccezzjoni preliminari tieghu.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tal-intimat Avukat Generali dwar l-imsemmija eccezzjoni preliminari.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-eccezzjoni in kwestjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidrat:-

Kunsiderazzjonijiet ta’ fatt

Ir-rikorrent jallega illi f’kawża oħra fl-ismijiet “Korporazzjoni Telemalta vs Joseph Pavia” deċiża mill-Qorti tal-Magistrati fit-2 ta’ Ottubru 1998, ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tieghu ta’ smiegħ xieraq kif protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 139 tal-liġijiet ta’ Malta u dan billi huwa qatt ma ġie notifikat skond il-liġi bl-Avviz numru 2659/97 JAB, fl-imsemmija kawza l-ohra, li giet deciza kontra tiegħu.

F’dawn il-proceduri gie kjamat in kawza d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali li eċċepixxa li l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda intempestiva stante illi r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji ordinarji kollha għad-disposizzjoni tiegħu qabel ma fetaħ il-kawża kostituzzjonali odjerna. L-istess eccezzjoni giet sottomessa ukoll mill-intimat Avukat Generali. Bil-presenti sentenza qed tigi deciza l-imsemmija eccezzjoni rigwardanti l-esawriment tar-rimedji ordinarji qabel ma giet presentata l-presenti kawza.

Jirriżulta li minn Jannar 1992 sa Mejju 1994, ir-rikorrenti Joseph Pavia u martu kienu jirrisjedu fil-fond ‘Miyro’, Triq Carmelo Ritchie, ix-Xghajra filwaqt li minn Mejju 1994 sa Novembru 1998 huma kienu jirrisjedu f’’Miyro’, Triq Andrea Debono, Naxxar. Fis-sena 1998 l-istess rikorrent Joseph Pavia u martu telqu minn Malta sabiex jghixu l-Kanada.

Ir-rikorrenti jsostni li meta telaq mill-imsemmi indirizz tax-Xghajra, huwa kien ittermina l-kuntratt tat-telefon u gab linja gdida ghall-imsemi indirizz fin-Naxxar. Sussegwentement ircieva xi kontijiet tat-telefon rigward il-kont rilevanti għax-Xghajra. Huwa kien kellem lil xi uffiċjali tal-Korporazzjoni Telemalta dwar dawn l-istess kontijiet pero ma sema’ xejn aktar minghandhom dwar dan.

Ir-rikorrenti fil-presenti kawża jallega illi huwa ma kien jaf xejn dwar kawza li kien hemm kontra tiegħu u li ġiet deċiża fit-2 ta’ Ottubru 1998. Jgħid illi gie a konjizzjoni tal-kawza meta sar jaf bil-mandat ta’ sekwestru ezekuttiv u dan ghall-habta tat-18 ta’ Gunju 2009 meta ittanta jaghmel transazzjoni bankarja mill-kont bankarju tieghu f’Malta ghal go kont iehor barra minn Malta. Huwa ma rnexxilux jaghmel din it-transazzjoni stante li gie infurmat mill-bank malti li kien hemm mandat fir-rigward tal-kont bankarju tieghu.

Jirriżulta ukoll li kien gie presentat mis-socjeta’ intimata GO plc rikors guramentar sabiex l-imsemmija sentenza tigi esegwita u ghalhekk inhargu kontra r-rikorrenti mandati esekuttivi.

Ir-rikorrenti Pavia jissottometti li ma giex notifikat la bir-rikors guramentat li gie pprezentat fis-7 ta’ Novembru 2005, li ta’ bidu ghall-proceduri li wasslu ghall-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta Ottubru 1998 u lanqas bil-mandati esekuttivi. Kien ghalhekk li giet intavolata din il-kawza kostituzzjonali.

L-eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali u tal-kjamat in kawza li għandha tiġi deċiża bil-preżenti sentenza hi li r-rikorrenti noe kellu rimedji ordinarji għad-disposizzjoni tieghu li setghu gew utilizzati qabel ma hu rrikorra ghall-kawza kostituzzjonali.

**Konsiderazzjonijiet ta dritt**

Sabiex tkun tista’ tiġi milqugħa din l-eccezzjoni preliminari tal-intimati u tal-kjamati in kawza, irid jirriżulta għas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti illi r-rikorrenti nomine fil-fatt

kellu rimedji ordinarji a disposizzjoni tieghu, li setghu gew utilizzati minnu qabel ma huwa rrikorra ghall-kawza kostituzzjonali.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), f'sentenza tal-1 ta' Frar, 2011, fil-kawża fl-ismijiet "George Scerri et vs L-Awtorita ta' Malta dwar l-Abjent u l-Ippjanar et" għamlet referenza għas-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża "Tretyak vs Direttur taċ-ċittadinanza u Expatriate Affairs," liema sentenza kienet giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar, 2006.

F'din is-sentenza il-Qorti lissnet il-prinċipji li ghandhom jiggwidaw meta tkun qed tigi deciza eċċezzjoni bhal dik li qed tigi deciza bil-presenti sentenza. B'hekk gie deciz li "meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternativ xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;"

In vista tal-premess, u tenut kont tal-fatti rizultanti u rilevanti, l-Qorti hi tal-fehma li r-rimedji li setghu kienu a disposizzjoni tar-rikorrent, li huma indikati minn min qed jissolleva din l-eccezzjoni, u cioe' l-appell u r-ritratazzjoni ma jistghux jitqiesu bhala rimedji xierqa, aċċessibbli, effettivi u adegwati tant li setghu jindirizzaw jew jipprevjenu l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. Ma jidhirx li r-rimedji proposti mill-eccipjenti setghu jigu segwiti b'mod effettiv u effikaċi mir-rikorrent. In effett hemm dubju kemm seta' jkun effettiv ir-rimedju tal-appell u lanqas ma hu zgur li fic-cirkostanzi tal-kaz l-istess rimedju kien facilment accessibbli ghar-rikorrebnt. Kwantu ghar-rimedju l-iehor indikat mill-eccipjenti, tali rimedju jiddependi fuq parametri li huma specifikati fil-ligi u barra l-problema jekk

dak li qed jigi lamentat jirrientrax entro wiehed minn dawn il-parametri hemm ukoll kriterju ta zmien li fih trid tigi presentata l-azzjoni relattiva. Minhabba dawn il-parametri u kriterji ma jistax jinghad li dan ir-rimedju kien facilment accessibbli ghar-rikorrenti. Kwindi l-eccipjenti mhux korretti meta jissottomettu li din il-Qorti ghandha taghzel li ma tesercitax is-setghat kostituzzjonali moghtija lilha mill-ligi.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali b'sentenza tat-3 ta' Ġunju 2009, fil-kawza fl-ismijiet "Bernard Gauci propio et nomine vs Kummissarju tal-Artijiet et" irriteniet li "l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżercitax is-setgħat tagħha, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali stat ta' fatt."

In vista tal-premess il-Qorti ghandha tittratta u tiddeciedi dwar l-ilment imressaq mir-rikorrenti. Inoltre ghandu jigi rilevat li, skond il-ligi, id-decizjoni jekkil-Qorti tkomplix tittratta l-kaz hi mhollija fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti. Ghalhekk il-Qorti tista tkompli tisma l-kawza anke jekk jirrizultala li r-rikorrenti setgha rrikorra ghal rimedji ohra. Fil-kaz in ezami l-Qorti thoss li, fi kwalunkwe kaz, ghandha tkompli tittratta u tiddeciedi din il-kawza stante li apparti li ma jirrizultax li r-rikorrenti setgha rrikorra ghal rimedji ohra li kienu effikaci u stante li l-ilment tar-riokrrenti hu ta' certa importanza u kwindi l-istess ilment jimmerita li jigi mistharreg.

Għal dawn ir-ragunijiet kollha:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni in kwestjoni tal-intimat Avukat Generali u tal-kjamat fil-kawza Direttur Qrati Civili u Tribunali primarjament billi ma jirrizultax sufficjentement li r-rikorrenti setgha rrikorra ghal rimedji ohra effettivi qabel ma l-istess rikorrent intavola dawn il-proceduri u sekondarjament billi thoss li l-ilment tar-rikorrenti hu tali li jimmerita li jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------